Minuti tal-Laqgħa Nru. 6 tal-Ħames Kunsill Lokali Luqa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar l-Erbgħa, 22 ta' Awissu 2007 fis-3.30 p.m.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Il-Membri |
| Is-Sindku | Is-Sur John Schembri |
| Il-Viċi Sindku | Is-Sur Joseph Scicluna |
| Il-Kunsilliera | Is-Sur Joseph Piscopo A.Mus.L.C.M.<br>Is-Sur Joseph Camilleri<br>Is-Sinjura Lucia Massa |
| **L-Uffiċjali:** | |
| Is-Segretarju Eżek. | Is-Sur Michael Borg |
| **Skużati:** | Is-Sur Victor Caruana<br>Dr Frank Psaila |

## AĠENDA

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Riferenzi għall-Minuti
3. Korrispondenza
4. Rapport Finanzjarju April/Ġunju 2007
5. Rapport Amministrattiv 2006/2007
6. Mozzjonijiet
7. Ħlasijiet
8. Laqgħa ma' l-Onor. Dr. Charles Mangion M.P.

LUQA

## 1. QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1 Inqraw il-Minuti tal-Laqgħa Nru 5 li, peress li ma kienx hemm emendi għalihom, ġew approvati fuq mozzjoni ta' Joe Camilleri ssekondata minn Luċia Massa.

## 2. REFERENZI GĦALL-MINUTI

2.1 Meta tkellem fuq il-ftehim unanimu li kien intlaħaq bejn il-Kunsillieri kollha dwar ir-*refund* ta' spejjeż li jagħmlu l-Kunsillieri wara li dawn jiġu ppruvati li saru fuq xogħol tal-Kunsill, is-Sindku qal li jumejn wara li ntlaħaq dan il-ftehim kien cempillu is-Sur Victor Caruana u nfurmah (lis-Sindku) li hu (is-Sur Caruana) u l-kollega tiegħu l-Kunsillier Frank Psaila kienu rtiraw mill-ftehim. Għalhekk, qal is-Sindku, issa biex jingħata r-refund għal xi spejjeż irridu nimxu akar minn qabel skond para. 27 ta' l-Avviż Legali Nru 155.

## 3. KORRISPONDENZA

3.1 Is-Sindku ta resume' tal-korrispondenza kollha li daħlet sat-22 ta' Awissu 2007, fosthom :

a) email mill-AKL dwar il-laqgħa tas-Sindki ffissata għall-14 u l-15 ta' Settembru 2007 ġewwa l-Lukanda Suncrest, il-Qawra.

b) ittra ta' l-Onor. Dr. Charles Mangion M.P. li titlob għal laqgħa mal-Kunsill.

c) ittra tal-Partit Laburista li tistieden lill-Kunsill biex jipproponi xi proġetti li jistgħu jsiru f'Ħal Luqa minn Gvern Laburista futur.

d) ittra mill-Għaqda Mużikali Sant'Andrija li tirringrazzja lill-Kunsill għall-għajnuna u l-koperazzjoni li wera ma' l-Għaqda waqt il-festa ta' Sant'Andrija.

## 4. RAPPORT FINANZJARJU APRIL/ĠUNJU 2007

4.1 Is-Sindku qal li dan ir-rapport kien intbagħat minn qabel lill-Kunsillieri kollha u għalhekk għandu jittieħed bħala moqri, filwaqt li stieden lill-Kunsillieri biex jagħmlu d-domandi u r-rimarki tagħhom dwaru.

4.2 Wara li ngħataw it-tweġibiet għad-domandi li saru, is-Sindku ressaq ir-Rapport għall-approvazzjoni. Ir-Rapport Finanzjaru għall-perijodu April/Ġunju 2007 ġie unanimament approvat.

## 5. RAPPORT AMMINISTRATTIV 2006/2007

5.1 Peress li dan ir-rapport kien intbagħat minn jiem qabel lill-Kunsillieri, is-Sindku qal li dan għandu jittieħed bħala moqri. Għalhekk huwa stieden lill-Kunsillieri biex jagħmlu d-domandi u l-kummenti tagħhom fuq ir-Rapport.

5.2 Minħabba li ma kienx hemm domandi s-Sindku ressaq ir-Rapport Amministrattiv 2006/2007 għall-approvazzjoni. Ir-rapport ġie approvat b'vot unanimu.

## 6. MOZZJONIJIET

6.1 Mozzjoni mressqa mis-Sindku John Schembri u ssekondata mill-Viċi Sindku Joseph Scicluna tgħid li : **l-Kunsill japprova li tiġi rranġata l-wiċċ tal-bankina ta' parti minn Triq Dun Pawl.**

6.1.i Meta ressaq din il-mozzjoni l-Viċi Sindku talab li ssir emenda għaliha billi wara '' **Triq Dun Pawl''** jidħol il-kliem **'' .. .. .. .. u oħrajn li l-Kunsill jidhirlu li għandhom jiġu rranġati.''** Din l-emenda, li kienet issekondata mill-Kunsilliera Luċia Massa, ġiet approvata bħalma wkoll ġiet unanimament approvata l-mozzjoni kif emendata.

6.2 Mozzjoni oħra mressqa mis-Sindku u mill-Viċi Sindku tgħid li : **l-Kunsill japprova li jipparteċipa, flimkien ma' Kunsilli oħrajn, fi programm speċjali ta' l-Unjoni Ewropeja, flimkien ma' partners oħra barranin, fosthom Spanja, Ungerija, Italja, Greċja u Portugall, sabiex l-enerġija f'inħawi rurali tiġi ġġenerata b'mod nadif u nieqsa minn tniġġiż ta' l-ambjent.**

6.2.i Meta tkellem fuq il-mozzjoni s-Sindku qal li l-idea nibtet perss li Malta jagħmel ħafna riħ u xemx , li rridu nisfruttawhom billi, flimkien ma' pajjiżi *partners* oħrajn, niġġeneraw enerġija minn dawn l-elementi għal użu f'postijiet urbani.

6.2.ii Meta l-mozzjoni tressqet għal-voti, din ġiet unanimament approvata.

6.3 Mozzjoni oħra approvata mill-Kunsill hija dik ippreżentata mill-Viċi Sindku Joseph Scicluna u ssekondata mis-Sindku John Schembri li tgħid li : **l-Kunsill japprova li jieħu sehem flimkien ma' Luqa Youth Centre sabiex titella' attivita' ''Lejla Ħal Luqa'' għall-okkazjoni tal-festa tal-Vitorja.**

6.3.i Il-Viċi Sindku qal li din l-attivita' se ssir fis-7 ta' Settembru 2007 u matulha se jiġi esebit pemezz ta' video x-xogħol kollu li għamel il-Kunsill.

6.3.ii Meta l-mozzjoni tressqet għall-voti din ġiet unanimament approvata filwaqt li l-Kunsill approva allokazzjoni ta' mhux iżjed minn Lm150 għal din l-attivita'.

## 7. ĦLASIJIET

7.1 Il-Kunsill approva l-ħlasijiet kollha li daħlu sat-22 ta' Awissu 2007 u li lista tagħhom ġiet ippreżentata mis-Segretarju Eżekuttiv.

- Peress li ma kienx hemm items oħra x'jiġu diskussi, is-Sindku John Schembri għadda biex, kif kien avżat fl-Agenda, jistieden lill-Onor. Dr. Charles Mangion biex jieħu post mal-mejda ħalli tkun tista' tkompli l-laqgħa tal-Kunsill b'diskussjoni miegħu (Dr. Mangion).

Is-Sindku qal li l-laqgħa ma' l-Onor. Mangion qegħda ssir wara li n-Nutar Mangion, permezz ta' ittra tas-16 ta' Lulju 2007 wera x-xewqt li jiltaqa' mal-Kunsill kollu.

Fl-introduzzjoni tiegħu s-Sindku għadda biex semma' n-numru ta' deċizjonijiet żbaljati li minn żmien għal żmien ħadu l-Awtoritajiet Ċentrali vis-a-vis il-Kunsill Lokali u l-Komunita' ta' Ħal Luqa. Semma d-deċiżjoni biex tinħoloq *Civic Amenity Site* fejn hemm l-ex miżbla u d-devoluzzjoni ta' l-art fi Triq San Tumas għall-bini ta' Kumpless Sportiv, liema talba għad-devoluzzjoni ġiet ostakolata mill-Ministeru ta' l-Edukazzjoni. Semma' wkoll numru ta' nuqqasijiet li qatt ma ngħataw attenzjoni mill-Gvern Ċentrali biex dawn jiġu indirizzati.

- Wara li rringrazzja lis-Sindku u lill-Kunsillieri talli għoġobhom jilqgħu t-talba tiegħu, l-Onor. Charles Mangion qal li l-iskop ta' din il-laqgħa mitluba minnu huwa biex tinħoloq diskussjoni li matulha jiġu identifikati oqsma li jinħtieġu attenzjoni li l-urġenza tagħhom trid tingħata skond il-prijoritajiet. Qal li huwa ħass li għandu joħloq din id-diskussjoni mal-Kunsillieri għax huma l-aktar li jafu l-ħtiġijiet tar-raħal.

- Ġew elenkati numru ta' oqsma li jridu attenzjoni ta' natura urġenti kif wkoll proposti għal proġetti fil-lokalita'. Għal dawn l-oqsma u proposti, in-Nutar Mangion qal li jħossu mpenjat bis-sħiħ biex jagħti kull appoġġ lill-Kunsill Lokali biex imexxi 'l quddiem proġetti ta' ġid għar-residenti ta' Ħal Luqa.

  - Il-Laqgħa ntemmet fil-5.00 p.m.

Konfermati llum 25 ta' Settembru 2007.

John Schembri
Sindku

Michael Borg
Segretarju Eżekuttiv